MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 1/2008

**Rita Mizzi**

**vs**

**Mondial Travel**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Marzu, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-23 ta' Novembru 2007 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sebghin Liri Maltin (Lm70) (€163.06) rapprezentanti hlas addizzjonali illi ghamlu ghal-kabina ta' erba' minn nies meta fil-fatt kienet ta' tlieta.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta’ l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija bbukkjat kabina fuq 'cruise liner' liema kabina kellha tkun ta' erba' persuni u peress illi wahda mill-erbgha illi bbukkaw dik il-kabina kkancellat il-btala, hi kellha thallas it-terz ta' dak li kienet hallset il-persuna illi kienet ikkancellat il-btala u dan peress illi l-kabina kienet ser tigi uzata minn tliet persuni u mhux erba’ persuni izda irrizulta illi l-kabina allokata lilhom kienet fil-fatt ta' tnejn minn nies u mhux ta' erba.

L-intimat issottometta illi billi r-rikorrenti flimkien ma tliet persuni ohra ibbukkjat kabina ta' erba minn nies u meta wahda minnhom ikkancellat il-btala huma xorta riedu jzommu kamra ta' erba u ghalhekk it-tlieta bejniethom kollettivament kellhom ihallsu d-differenza tar-raba' wahda.

L-intimat issottometta illi l-kabina allokkata lir-rikorrenti kienet kapaci tiehu erba minn nies fiha.

It-Tribunal jinnota illi

Ir-rikorrenti bbukjat kabina ta' erba minn nies ma' tliet persuni ohra u meta wahda minnhom ikkancellat il-'cruise', ga la darba huma xtaqu jzommu kamra ta' erba minn nies, kellhom ihallsu d-differenza tar-raba' persuna izda meta dahlu fil-kabina huma sabu zewg (2) sodod u sufan.

> Ir-rapprezentant tad-ditta intimata nizel fil-kabina u billi kien hemm zewg (2) sodod tal-persuna u sufan illi seta' jinfetah, l-intimat ikkonsidra illi dan seta' jintuza minn tnejn (2) minn nies.
>
> Minn dak illi ssottometta l-intimat, kif ukoll indikata fl-istess 'chart' illi pprezenta l-intimat, jidher illi l-kabina hija ta' tlieta minn nies izda, jekk ikun il-bzonn, tista' tintuza minn erba' minn nies.
>
> Ghal dawn il-motivi:
>
> It-Tribunal, wara li kkonsidra illi l-kabina kienet wahda illi normalment takkomoda tliet persuni u takkomoda r-raba' persuna f'kaz ta' bzonn, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebghin Liri maltin (Lm70) (€163.06) bl-ispejjez kontra l-istess intimat.**"**

L-appell intavolat mid-ditta intimata fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huwa ghal kollox identiku ghal dak fl-ismijiet "Pauline Brockdorff -vs- Mondial Travel" (Appell Nru. 2/2008) u li qed jigi kontestwalment deciz minn din il-Qorti;

Trattasi ta' l-istess mertu dedott bl-istess fatti kostitutivi tad-dritt azzjonat, il-Qorti, ghall-evitar ta' ripetizzjoni, qeghda tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet minnha zvolti f'dak l-appell l-iehor, u taghmilhom jghoddu *mutatis mutandis* ghall-appell odjern.

Ghal dawn il-motivi, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi fis-sentenza fl-appell l-iehor succitat, il-Qorti qed tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra d-ditta intimata appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------